

Brussell, 16 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12343/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0281(COD)

CODEC 1288
ECOFIN 864
RELEX 1166
COEST 645
NIS 24
FIN 909

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li ttipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fis-7 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE.
2. Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali, kif jinsab fid-dokument ST 12199/22, u awtorizza lill-Presidenza tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) li tikkonferma li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294, il-paragrafu 3 tat-Trattat, fil-forma li tinsab fid-dokument ST 12199/22, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 294, il-paragrafu 4 tat-Trattat, japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat b'dik il-formulazzjoni, soġġett, jekk meħtieġ, għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.

¹ 12199/22 + COR1.

3. Fl-istess jum, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel ukoll li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma li tinsab fid-dokument ST 12199/22, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet fid-dok. PE-CONS 49/22, matul is-sessjoni plenarja tat-12 sal-15 ta' Settembru 2022, din il-proposta ser tiġi ppreżentata direttament lill-Kunsill, jiġifieri lill-konfigurazzjoni tiegħu tal-Affarijiet Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Settembru 2022, u l-Kunsill jiġi mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" u jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif stabbilit fil-preambolu tal-att legiżlattiv².
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Settembru 2022³. Ir-riżultat tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Il-Kunsill huwa mistieden:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tidher fid-dokument PE-CONS 49/22;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, kif stabbilit fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 12220/22.

³ 12332/22.